

- ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, meta ġie ffissat l-ammont tal-multa, sa fejn il-Kummissjoni użat il-linji gwida b'mod żbaljat sabiex tikkalkula l-multi, i) billi ma bbażatx ruħha fuq id-dħul tal-kumpannija kif ivverifikat u ii) billi naqset milli tis-tima l-valur totali tal-bejgħ tal-oġġetti jew servizzi li huma relatati mal-ksur fis-settur ġeografiċu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żbaljat fil-kwalifikazzjoni tal-fatti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tenfasizza, insostenn tat-talba tagħha għal tnaqqis tal-multa, is-sehem żgħir konġunt tas-suq tal-partijiet fl-akkordju u n-nuqqas ta' implimentazzjoni;
- ksur tal-Ftehim Ewro-Mediterranju mat-Tuneżja (⁹), inkwantu l-Kummissjoni applikat b'mod esklussiv, id-dispożizzjonijiet Komunitarji tal-kompetizzjoni, għalkemm ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jist-ġu jaapplikaw ukoll, speċjalment b'mod parallel mar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni messa kkonsultat il-Kumitat ta' Assoċiazjoni EU/Tuneżja, kif mitlub mill-Artikolu 36 tal-ftehim. Ir-rikorrenti tenfasizza wkoll li, l-approċċ unilaterali tal-Kummissjoni jmur kontra l-prinċipju ta' korteżja internazzjonali, kif ukoll l-obbligu tagħha ta' premura.

(⁹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU 2003, L 1, p. 1).

(⁹) Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċiazjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżja, min-naħa l-oħra (ĠU 1998, L 97, p. 2).

## Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "SunGasoline" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 4, 7, 12, 35, 37 u 39 (Applikazzjoni Nru 3 418 647)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn tal-oppożizzjoni: Deutsche BP AG

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali Ġermaniċa "GASOLIN" (Trade mark Nru 763 901) għal prodotti fil-klassi 4

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors milqugħ parzjalment għal ċerti prodotti fil-klassi 4

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 15(2)(b) moqrri flimkien mal-Artikolu 43(2) tar-Regolament Nru 40/94 (¹), billi ma ġiex ipprovat b'mod suffiċċenti l-użu ġenwin tat-trade mark opponenti u ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, billi m'hemm l-ebda probbabilità ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks kunfliegħenti.

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2008 — Volkswagen vs UASI — Deutsche BP (SunGasoline)

(Kawża T-502/08)

(2009/C 44/84)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. Drzymalla u S. Risthaus, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Deutsche BP AG (Gelsenkirchen, il-Ġermanja)

## Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Settembru 2008, fil-Każ R 513/2007-4 u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2008 — Rundpack vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' tazza tax-xorb)

(Kawża T-503/08)

(2009/C 44/85)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Rundpack AG (rappreżentant: R. Chmielewsky-Lehner, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

## Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-konvenut tat-3 ta' Settembru 2008, fil-Każ R 1400/2006-1, u tirrinvija l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Nru 003 317 591 quddiem l-UASI għat-tkomplija tal-proċedimenti ta' reġistrazzjoni, kif ukoll tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha marbuta mal-proċeduri, b'mod partikolari l-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell,